# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 64/2018 BS**

**Francesco Camilleri**

**-vs-**

**Josephine Vella**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Francesco Camilleri illi ppremetta:**

1. Illi l-attur huwa propjetarju u possessur ta' diversi biċċiet art magħrufa bħala 'Ta' Ċaqlaq' fil-limiti ta' Nadur, Għawdex, u li tinkludi porzjon art tal-kejl ta' ċirka mija u tletin metru kwadru (130 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana ma' beni tal-attur, mil-Lvant ma' beni tal-familja Vella, u min-Nofsinhar ma' beni tal-familja Camilleri, jew irjieħ verjuri;

2. Illi din l-art hija aċċessibli minn passaġġ li jiżbokka minn Triq San Ġużepp, Nadur, Għawdex, u li jgħaddi minn fuq propjetà ta' terzi;

3. Illi kemm l-attur u kif ukoll l-antenati tiegħu dejjem użaw dan il-passaġġ biex aċċedew għar-raba' tagħhom. Jirriżulta illi tul is-snin l-attur dejjem ha dawk il-prekawzjonijiet u passi biex dan il-passaġġ jibqa' liberu u għad-dispożizzjoni tiegħu bil-wisa' oriġinali tiegħu;

4. Illi saħansitra fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (29/05/2018) sar aċċess fuq il-post fl-atti tal-kawża bin-numru disgħa u disgħin tal-elfejn u sittax (99/2016), fl-ismijiet **Francesco Camilleri -Vs- Saviour Camilleri**, u kemm il-partijiet u kif ukoll l-uffiċjali tal-Qorti użaw dak l-aċċess ossia passaġġ li jiżbokka fi Triq San Ġuzepp, Nadur, Għawdex;

5. Illi riċentament, fi żmien ferm anqas minn xahrejn, il-konvenuta għamlet ostakli u ingombru sabiex l-attur ma jkunx jista' j[għ]addi minn ġo dak il-passaġġ, fejn fost affarijiet oħra bniet ħajt li jagħlaq dan il-passaġġ, poġġiet ġebel u oġġetti oħra. Dan kollu sar kmieni fix-xahar ta' Ġunju tal-elfejn u tmintax (2018);

6. Illi mitluba tneħħi l-ingombru illi għamlet u tħalli l-passaġġ a libera dispożizzjoni tal-attur, il-konvenuta rrifjutat illi tagħmel dan;

7. Illi l-aġir tal-konvenuta jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur li jrid li dan l-ispoll jiġi spurgat;

8. Illi din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Francesco Camilleri li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawża.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-konvenuta kkomettiet spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur meta ingumbrat il-passaġġ li mir-raba' tiegħu magħruf bħala 'Ta' Ċaqlaq' fil-limiti ta' Nadur, Għawdex fuq imsemmi, jagħti għal Triq San Ġuzepp, Nadur, Għawdex;

2. Tordna lill-konvenuta sabiex entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tneħħi kull ingombru u għeluq kif fuq imsemmi u terġa' tiftah dan il-passaġġ l-istess kif kien qabel u tħallih mhux imxekkel a libera dispożizzjoni tal-attur;

3. Tawtorizza sabiex fin-nuqqas l-attur jiġi awtorizzat ineħħi hu dan l-ingombru u jneħħi kull ostaklu hu a spejjeż tal-konvenuta.

Bl-ispejjeż kollha inkluża VAT u inklużi wkoll tal-ittra uffiċjali ta' Lulju 2018 kontra l-konvenuta li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Josephine Vella illi eċċepixxiet:**

1. Illi in linea preliminari, l-attur għandu jipprova li huwa għandu r-rekwiziti essenzjali kollha tal-*actio spolii* u dan inter alia a tenur tal-Artikolu 535 tal-Kapitolu XVI tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kapitolu XII tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawża u kwindi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

3. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenuta ma kkommettiet l-ebda spoll;

4. Illi mingħajr pregudizzju l-attur ma jivvanta l-ebda dritt ta' passaġġ kif qiegħed jallega u dan stante li l-passaġġ tiegħu għall-propjetà tiegħu huwa minn passaġġ ieħor kif sejjer jiġi ppruvat dettaljatament waqt is-smigħ tal-kawża u konsegwentement ma għandu l-ebda dritt li jgħaddi la hu u l-ebda persuna oħra;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2018 il-Qorti kif dakinhar preseduta laqgħet it-talba tal-attur u awtorizzat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża bin-numru 99/2016 fl-ismijiet **Francesco Camilleri vs Saviour Camilleri**;

Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021 il-Qorti żammet aċċess fuq il-post;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2022;

Rat li l-konvenuta ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fid-9 ta' Marzu 2022;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni odjerna tittratta dwar allegat spoll kommess għaddannu tal-attur. L-attur jilmenta illi l-konvenuta mbarrat bil-ġebel il-passaġġ li minnu hu u l-antenati tiegħu dejjem għaddew sabiex jaċċedu għar-raba' tagħhom. Il-konvenuta laqgħet billi ressqet eċċezzjonijiet fil-mertu fejn apparti li tiċħad li hija kkommettiet spoll, tgħid ukoll li d-dritt ta' passaġġ favur l-attur mhuwiex mill-passaġġ mertu ta' din il-kawża iżda minn band'oħra.

L-attur jivvanta titolu ta' proprjetà u pussess fuq diversi biċċiet art magħrufa bħala 'Ta' Ċaqlaq' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, inkluż ta' porzjon art tal-kelj ta' ċirka mija u tletin metru kwadru (130m.k).

L-attur xehed illi huwa trabba maz-zijiet materni tiegħu, Loreta u Lonza aħwa Camilleri. Dawn ħallew lill-attur b'wirt post li fih mandra fuq kull naħa b'waħda minn dawn l-imnadar hija aċċessibbli minn sqaq li jagħti għal Triq San Ġużepp. Dan il-passaġġ jgħaddu minnu wkoll il-familja Mifsud u l-werrieta tagħhom l-aħwa Camilleri. L-attur spjega illi meta jidħol minn Triq San Ġużepp u sakemm jasal fl-art tiegħu huwa jrid jgħaddi minn fuq erba' (4) proprjetajiet li jappartjenu lil terzi kif ukoll minn fuq il-proprjetà tal-familja Mifsud.

Madwar erbgħin (40) sena ilu Anġlu Mifsud kien tella' xi bini fuq l-art tal-familja tiegħu iżda kien ħalla passaġġ wisa' tliet (3) piedi sabiex l-attur ikun jista' jgħaddi għall-art tiegħu.

L-attur spjega li hu qatt ma ġie mxekkel milli jaċċedi għall-art tiegħu minn fuq dan il-passaġġ u saħansitra meta għal xi raġuni jew oħra xi parti mill-passaġġ ġiet magħluqa hu ħa l-passi meħtieġa u l-passaġġ reġa' nfetaħ.

John Baptist Camilleri ossia iben l-attur, xehed illi fil-15 ta' Ġunju 2018 intebaħ li l-konvenuta kienet għalqet bieb li hemm fil-ħajt

tas-sejjieħ li jinsab lejn nofs il-passaġġ u li minnu l-attur u ibnu jgħaddi sabiex jidħlu fir-raba' tal-attur. L-attur xehed illi l-art tal-konvenuta hija mifruda mill-passaġġ permezz ta' ħajt baxx. John Baptist Camilleri kompla jixhed illi l-ħajt tas-sejjieħ li fih hemm il-bieb jinsab bejn il-proprjetà tal-konvenuta u dik tal-aħwa Camilleri. Meta sab il-bieb magħluq John Baptist Camilleri ma setax jgħid min kien għalqu biss meta staqsa lill-konvenuta dwar dan hija kkonfermat miegħu li kienet hi li għalqet dan il-bieb għaliex skont hi dan il-bieb dejjem kien magħluq. Madanakollu, John Baptist Camilleri xehed illi l-bieb in kiwstjoni ilu miftuħ għal għexieren ta' snin u terġa' u tgħid quddiem dan il-bieb hemm passaġġ wiesa' madwar tliet (3) piedi li fuq kull naħa tiegħu għandu ħajt li jmur għal tul ir-raba' kollha tal-konvenuta.

L-għeluq tal-bieb sar billi tpoġġa borġ ġebel u zkuk u ħajt fuq in-naħa ta' ġewwa. L-attur u ibnu xehdu li l-aċċess għar-raba' tagħhom ġie reż impossibbli.

B'referenza għall-kawża bin-numru 99/16 fl-ismijiet **Francesco Camilleri vs Salvu Camilleri**, l-attur xehed illi fid-29 ta' Mejju 2018 kien inżamm aċċess fl-atti ta' din il-kawża u l-Qorti flimkien mal-partijiet u d-difensuri tagħhom għaddew minn dan il-passaġġ mingħajr xkiel. Madanakollu fil-kors tal-kontroeżami ta' Salvu Camilleri, li sar ftit biss qabel l-allegat spoll, Camilleri kien iddikjara li la hu u lanqas ħadd minn ħutu ma kienu għandhom jagħmlu użu mill-passaġġ mertu ta' din il-kawża.

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao** u l-**Avukat Dottor Andrew Sciortino** xehdu illi ilhom jippatroċinjaw lill-attur u fil-kuntest tal-kawża bin-numru 99/16 kien hemm tliet (3) okkażjonijiet fejn kellhom jaċċedu għar-raba' tal-attur. Xehdu illi fit-tliet (3) okkażjonijiet huma aċċedew liberament għall-art mill-passaġġ mertu ta' dan il-kawża.

**Il-konvenuta** xehdet illi l-attur dejjem għadda mill-passaġġ il-wiesa' sabiex jasal kemm għad-dar fejn trabba kif ukoll għar-raba' tiegħu. Tgħid illi l-attur qatt ma kellu raġuni għaliex jgħaddi mill-passaġġ id-dejjaq u ċjoè minn dak mertu ta' din il-kawża. Issoktat tispjega li dan il-passaġġ jagħti biss għall-proprjetà tagħha u għal dik ta' Salvu Camilleri. Fil-fatt, dan il-passaġġ kien ukoll il-mertu ta' kawża oħra li l-attur kien fetaħ fil-konfront ta' Salvu Camilleri għaliex kien qiegħed jivvanta dritt ta' passaġġ minn fuq l-art ta' Camilleri liema art hija aċċessibbli wkoll mill-passaġġ in kwistjoni. Madanakollu l-attur kien tilef din il-kawża.

B'kuntratt tas-7 ta' Mejju 2000 fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech, il-konvenuta xtrat porzjon raba' li f'dak il-kuntratt tinsab deskritta bħala adjaċenti għall-passaġġ mertu ta' din il-vertenza. Il-konvenuta xehdet illi hija dejjem tiftakar din l-art bħala imdawwra b'ħajt tas-sejjieħ li jasal min-naħa sa oħra. Il-konvenuta ppreżentat ukoll ritratt li ttieħed fis-sena 1997 u tgħid illi f'dan ir-ritratt jidher il-ħajt sħiħ.

Il-konvenuta kompliet tixhed illi kienet bdiet tosserva li l-ġebel li jifforma l-ħajt li jdawwar l-għalqa tagħha kien beda jonqos ftit ftit. Ħasbet li dan il-ħajt kien qiegħed jaqa' biż-żmien. Ġara però illi fit-28 ta' Marzu 2018 il-konvenuta marret fl-għalqa tagħha u ntebħet illi l-passaġġ li sa ftit qabel kien mimli ħuxlief għoli, issa kien tnaddaf u l-ħajt li kien jasal sal-proprjetà ta' Roża Grech kien infetaħ beraħ. Waqt illi kienet qiegħda titkellem ma' Rita Camilleri ossia l-mara ta' Salvu Camilleri, il-konvenuta saret taf li kien l-attur li kien fetaħ dak il-ħajt għaliex kien qiegħed jippretendi dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tal-konvenuta għal fuq ir-raba' ta' Camilleri. In vista ta' dan il-konvenuta reġgħet bniet il-ħajt għall-istat illi kien qabel u ċjoè ħajt sħiħ mingħajr fetħiet fih. Għal dan il-għan intuża l-istess ġebel li kien tneħħa u li tpoġġa taħt il-kappara jew dlonk il-passaġġ sabiex jinħeba.

**In kontroeżami** l-konvenuta xehdet illi fit-28 ta' Mejju 2018 hija daħlet fir-raba' sabiex taqta' l-kappar biss malli bdiet dieħla ntebħet illi l-ħuxlief kien jidher qisu tapit għaliex kien jidher li n-nies kienu għaddew minn fuqu u l-ħajt kien maqlugħ. Tgħid illi qabel dak inhar hija ma kinitx taf bil-kawża li kien hemm bejn l-attur u Saviour Camilleri.

Il-konvenuta kkonfermat li wara li tkellmet mal-Avukat tagħha dwar l-akkadut, dan tal-aħħar taha l-parir illi terġa' tibni l-ħajt u l-konvenuta bis-saħħa wkoll tal-kuġin tagħha Joseph Debono reġgħu bnew il-ħajt nhar it-13 jew l-14 ta' Ġunju 2018.

Il-konvenuta xehdet ukoll illi hi tidħol għar-raba' mill-passaġġ id-dejjaq fi Triq San Ġużepp tgħaddi minn passaġġ li fiha wisa' ta' madwar tliet (3) piedi minn barra sa ġewwa u fuq ġewwa hemm ħajt sħiħ li fih qatt ma kien hemm fetħiet. Il-konvenuta kompliet tixhed illi peress illi kienet kisret sieqha hija ma kinitx tidħol tagħmel xogħol tar-raba'. Tgħid ukoll li kien hemm il-ħuxlief jostakola l-passaġġ tagħha. Madanakollu, madwar darba fix-xahar kienet tidħol taqta' l-kappar jew il-ward li kellha miżrugħ fir-raba'.

B'referenza għar-ritratti a fol. 21, il-konvenuta xehdet illi għalkemm il-ħajt ma jidhirx fir-ritratt fuq in-naħa t'isfel dan huwa dovut għall-fatt illi l-ħajt li kien hemm kien mgħotti bil-kappara li tidher fuq l-istess ritratt. Tgħid illi l-passaġġ kien iwassal għall-mandra ta' Salvu Camilleri. Wara l-ħajt tas-sejjieħ li reġgħet bniet il-konvenuta hemm il-mandra ta' Salvu Camilleri, l-istess proprjetà li kienet il-mertu tal-vertenza 99/16 u liema art illum inbiegħet lill-iben l-attur. Il-konvenuta kkonfermat illi m'għandha ebda proprjetà wara l-ħajt tas-sejjieħ li reġgħet bniet hi stess. Il-proprjetà tal-konvenuta hija dik li tinsab wara l-ħajt tas-sejjieħ il-baxx li jidher fuq in-naħa tal-lemin fir-ritratti a fol. 21 tal-proċess.

**Cornato Debono**, **Joseph Debono**, **John Debono** u **Saviour Debono**, ilkoll kuġini tal-konvenuta xehdu li l-attur dejjem għadda mill-passaġġ il-wiesa' u li huma dejjem jafu l-ħajt tal-għalqa tal-konvenuta bħala ħajt sħiħ u baxx tant illi meta fi tfulithom kienu jkun qegħdin jilgħabu f'din ir-raba' huma kienu jaqbżu dan il-ħajt sabiex iġibu lura xi ballun li jkun ħarbilhom. Biss, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dawn ix-xhieda kollha emigraw lejn l-Amerka ta' età ċkejkna u għalkemm irritornaw lura lejn Malta aktar tard fil-ħajja tagħhom, ilkoll xehdu li ma jmorrux fuq il-post in kwistjoni bi frekwenza. Saħanistra, Saviour Debono xehed illi ilu nieqes mill-post in kwistjoni għal dawn l-aħħar tletin (30) sena. Il-kuġini tal-konvenuta li llum jgħoddu mat-tmenin (80) sena fl-età, ilkoll xehdu skont il-memorji li għandhom ta' tfulithom.

**Anthony Vella** u **Carmela Buttiġieg** ukoll xehdu li dejjem jafu lill-attur jgħaddi mill-isqaq wiesa'. Carmela Buttiġieg żiedet tgħid illi l-attur kien jgħaddi minn dan il-passaġġ għaliex il-post taz-zijiet tal-attur jinsab proprju f'dan is-sqaq il-wiesa'. F'dan is-sens ukoll kienet ix-xhieda ta' **Margaret Pisani** li xehdet fil-kuntest tal-kawża bin-numru 99/16. Pisani spjegat illi fi Triq San Ġużepp hemm żewġ sqaqien wieħed wiesa' u l-ieħor dejjaq. L-isqaq il-wiesa' jinsab quddiem id-dar ta' Pisani u f'dan l-isqaq kien hemm il-post taz-zijiet tal-attur li fih għex u trabba l-attur. Madanakollu l-attur kien ukoll jagħmel użu mill-passaġġ id-dejjaq sabiex minnu jmur jagħlef il-bhejjem.

Xehdu wkoll Rita Camilleri, mart Salvu Camilleri u binthom Josephine Camilleri. **Rita Camilleri** xehdet illi l-art tal-konvenuta hija mdawwra b'ħajt tas-sejjieħ. Spjegat illi mill-art t'omm ir-raġel tagħha u ċjoè mill-art tal-Maċuċan kien hemm qasma ta' pied u nofs iffurmata bil-ġebel u ħadd ma kellu dritt ta' passaġġ minn fuq din l-art. Illum flok dan il-pied u nofs ġebel hemm ħajt. Kompliet tixhed illi tal-Maċuċan kienu jidħlu minn Triq San Koronatu waqt illi l-konvenuta kienet taċċedi għar-raba'

tagħha mill-isqaq fi Triq San Ġużepp. L-art illi kienet tal-Maċuċan illum inbiegħet lil John Baptist Camilleri ossia iben l-attur. **Josephine Camilleri** ukoll xehdet illi l-attur ma jgawdi ebda dritt ta' passaġġ minn fuq l-art tal-konvenuta. Xehdet illi l-attur lanqas ma kellu dritt ta' passaġġ minn fuq l-art tal-Maċuċan tant illi għalkemm fetaħ kawża, dik bin-numru 99/16 huwa tilef din il-kawża li minnha sar appell. Fil-kors tal-proċess tal-appell il-partijiet ittransiġew u l-art inbiegħet lil John Baptist Camilleri bis-saħħa ta' kuntratt tas-7 ta' Diċembru 2018 fl-atti tan-Nutar Maria Pisani. Fuq dan l-att l-art tinsab deskritta bħala li hija aċċessibbli minn sqaq bla numru jew isem li jisbokka fi Triq San Koronatu u konfinanti fost l-oħrajn mal-passaġġ li jisbokka fi Triq San Ġużepp.

**Ikkunsidrat:**

L-*actio spolii* hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji kontemplati taħt il-Kodiċi Ċivili. Huwa ben magħruf li l-*actio spolii* hija azzjoni ta' natura pubblika impernjata fuq bżonn soċjali li jiġi protett il-pussess u li kull ċittadin jiġi prekluż milli jieħu l-liġi f'idejh. Għalhekk azzjoni ta' spoll isservi sabiex jiġi reintegrat il-pussess li jkun ġie mfixkel[1].

L-azzjoni ta' spoll hija regolata permezz tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16. Id-dispożizzjoni taqra hekk:

*"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, **<u>imnezzgha mill-pussess</u>**, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', **<u>fi</u>** **<u>żmien xahrejn</u>** mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tiġi mqeghdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

[1] Ara **Luigi Sultana et vs Emanuel Cremona et**, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 16 ta' Novembru 2010

*(2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-intimat ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll."*

Minn din id-dispożizzjoni jidher illi tlieta (3) huma l-elementi kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll:

a) Il-pussess (***actor docere debet possidesse***);

b) L-att spoljattiv (***spoliatum fuisse***);

c) L-att seħħ fix-xahrejn immedjatament qabel inbdew il-proċeduri dwar l-ispoll (***infra bimestre deduxisse***).

Dawn it-tliet (3) elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin b'tant illi jekk wieħed minn dawn l-elementi jkun nieqes l-azzjoni ma tirnexxix[2].

**Il-Pussess**

Dwar l-element tal-pussess ingħad illi *"ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali di fatto, kemm il-pussess legittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess di diritto ta' min ikun akkwista l-haga."*[3]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Panè vs Antonio Panè** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ingħad hekk:

*"Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[4]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma*

---

[2] Ara: **Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive de Flavia**, Qorti tal-Appell, 7 ta' Marzu 1958
[3] Ara: Vol. XLI.II.1129
[4] App.: 26.1.1996 fil-kawża fl-ismijiet **J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe** (Kollez. Vol.: LXXX.ii.306)

*fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir*[5]*, u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess*[6] *u dak tal-ispoll*[7] *. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv*[8]*;"*

Huwa stabbilit illi f'każijiet bħal dak tal-lum fejn gabillott qiegħed jitlob ir-reintegrazzjoni tal-pussess dwar passaġġ jew mogħdija li jallega li ġie mċaħħad mill-pussess tagħha, il-gabillott jeħtieġ jagħmel il-prova li l-għandu l-pussess jew il-kważi pussess ta' dik il-mogħdija. Mhux biżżejjed għall-gabillott li juri li għandu jedd li jgħaddi minn fuq dak il-passaġġ.

Huwa paċifiku llum illi l-pussess li trid il-liġi għall-fini li l-azzjoni ta' spoll tiġi invokata b'suċċess m'hemmx bżonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjetà. Pussess ta' liema natura jkun huwa suffiċjenti basta jirriżulta li huwa pussess ta' fatt[9].

M'hemmx għalfejn jingħad illi l-kwistjoni dwar jekk l-attur għandux titolu tiżboq l-indaġini li trid issir mill-Qorti llum.

Fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid illi r-raba' tiegħu li jaċċedi għaliha mill-passaġġ *de quo* fiha siġar tal-pal tal-bajtar tax-xewk li jintuża bħala għalf għall-annimali. Mix-xhieda prodotta fl-atti tal-kawża bin-numru 99/16 jirriżulta li l-attur għandu raba' li tmiss mal-passaġġ mertu ta' din il-kawża u fuq din ir-raba' hemm ħafna siġar tal-bajtar tax-xewk. Fuq din ir-raba' l-attur kien irabbi wkoll xi annimali. Minn l-atti ta' dik il-kawża jirriżulta li l-attur kien jaċċedi għal dik ir-raba' mill-passaġġ fi Triq San Ġużepp. Il-Qorti li semgħet dik il-kawża ġiet mgħoddija proprju mill-

---

5 P.A. : 21.2.1983 fil-kawża fl-ismijiet G.M. Tonna vs G.M. Tonna

6 App.: 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Aquilina noe et vs L. Debono (Kollez. Vol:LXXXII.ii.1217)

7 .P.A. 12.6.1998 fil-kawża fl-ismijiet J.Ċilia et vs L. Camilleri et (mhux pubblikata);

8 P.A.: 21.1.1994 fil-kawża fl-ismijiet A. Pisani et vs V. Farruġia (mhux pubblikata)

9 Ara: **Joseph Vella pro et nomine vs Salvu Micallef**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 t'April 1991.

passaġġ mertu ta' din il-kawża sabiex aċċediet għar-raba' de quo minn fetħa forma ta' bieb.

Minn qari akkurat tal-atti jirriżulta bil-wisq evidenti li diversi huma x-xhieda li riedu jagħtu mbuttatura lit-tezi tal-konvenuta u ċjoè li l-attur ma jgawdi ebda aċċess mill-passaġġ mertu ta' din il-kawża. Biss, waqt illi rat x'kellhom xi jgħidu dawn ix-xhieda, il-Qorti qieset ukoll il-fatt li ħafna minn dawn ix-xhieda llum huma anzjani ta' 'l fuq minn tmenin (80) sena li xehdu dwar dak li setgħu raw meta kienu għadhom tfal. Hemm xhieda li saħansitra emigraw għal snin twal ħafna u nqatgħu mill-akkwata tant illi ma jafux sewwa sew illum liema art tappartjeni lil min. Naturalment, din ix-xhieda ma tistax tingħata wisq affidabilità.

Il-Qorti tqis illi waħda mill-aqwa provi fil-każ tal-lum tirriżulta mix-xhieda ta' Roża Grech li għandha d-dar tagħha biswit il-passaġġ in kwistjoni u li xehdet li lill-attur kienet tarah dieħel u ħiereġ minn dan il-passaġġ u taf ukoll illi fir-raba' li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-passaġġ l-attur kien irabbi xi nagħaġ u kien jidħol jaqta' l-pal tal-bajtar minn dik ir-raba'.

Il-Qorti tirribadixxi illi għal dak illi jirrigwarda l-element ta' pussess f'kawża ta' spoll huwa biżżejjed jiġi ppruvat il-pussess ta' liema xorta jkun mingħajr ebda ħtieġa li ssir il-prova tat-titlu tal-attur.

Il-Qorti tqis għalhekk illi l-attur igawdi forma ta' pussess fuq il-passaġġ de quo u għalhekk l-element tal-azzjoni huwa sodisfatt.

*Spoliatum fuisse*:

Illi dwar l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava** deċiża fit-22 ta' April, 1988 ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell illi:

*"Hemm certi rekwiziti li għandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tiġi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*

Sabiex ikun sodisfatt dan it-tieni element jeħtieġ issir il-prova li l-att ta' spoll sar b'mod arbitrarju, kontra r-rieda tal-possessur u bil-moħbi tal-pussessur.

Ix-xhieda in kontroeżami tal-konvenuta ma tħalli ebda dubju dwar l-animu tagħha. Hija tammetti mingħajr ebda tlaqliq illi kienet propju hi illi reġgħet bniet il-ħajt wara li l-mara ta' Saviour Camilleri tarrfitilha dwar il-kawża li kien hemm pendenti bejn l-attur u Saviour Camilleri. Il-konvenuta stqarret li dak inhar stess kienet marret għand l-avukat tagħha u ħadet parir sabiex tibni l-ħajt u hekk għamlet. Tgħid illi għamlet dan għaliex l-attur ma kellu ebda jedd ta' passaġġ minn dik il-parti. Mill-banda l-oħra tikkonċedi li l-passaġġ mhuwiex proprjetà tagħha kif lanqas ma hija tagħha r-raba' li tiġi wara l-ħajt li bniet hi stess.

Anki t-tieni element tal-azzjoni jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

***Infra bimestre deduxisse:***

Dan l-element irid illi l-kawża tiġi intavolata entru xahrejn minn mindu jseħħ l-att spoljattiv.

Fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar** deċiża fit-13 ta' Frar 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ingħad illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi żmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Jinkombi fuq l-attur illi jipprova l-fatt minnu allegat. F'dan il-kuntest il-prova trid tkun dwar il-mument meta seħħ l-att spoljattiv u mhux il-mument meta l-attur ikun intebaħ bl-ispoll.

Fil-każ tal-lum jirriżulta illi l-aġir lamentat ġie mwettaq fit-13 jew fl-14 ta' Ġunju 2018 waqt illi l-kawża ġiet intavolata b'rikors ġuramentat tas-17 ta' Lulju 2018. Dan iffisser illi l-kawża ġiet intvolata fit-terminu stabbilit mil-liġi u għalhekk anki t-tielet element tal-azzjoni jirriżulta suffiċjentement ippruvat.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġa espressi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur meta mbarrat il-passaġġ li mir-raba' tiegħu magħruf bħala 'Ta' Ċaqlaq' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex jagħti għal Triq San Ġużepp, Nadur, Għawdex.

Tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba u tipprefiġġi terminu ta' xahar mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sabiex il-konvenuta tirreintegra lill-attur fil-pussess tal-passaġġ in kwistjoni u, f'każ li l-konvenuta ma tottemperax ruħha ma' dan fit-terminu preskritt, qed tawtorizza minn issa li l-istess xogħol ta' reintegrazzjoni isir mill-attur a spejjeż tal-istess konvenuta. F'kull każ, ix-xogħol ta' reintegrazzjoni jrid isir taħt il-kontroll u

superviżjoni tal-AIĊ Alexei Pace, li qed jiġi nominat għal dan l-iskop.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur